MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 2390/1996/1

**L-Avukat Dottor Kris Borg bhala mandatarju specjali tas-socjetà estera S.A.T.A SRL.**

**vs.**

**Air Malta Company Limited**

Il-Qorti:

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur, fil-kwalità tieghu premessa, wara illi ppremetta illi fid-19 ta' Lulju 1994, is-socjetà attrici esportat lejn Malta ghaxart elef (10,000) 'day old chicks' permezz ta' ajruplan tas-socjetà Air Malta,

kif jidher ukoll mill-Airway Bill li kopja taghha tinsab annessa bhala Dok. ‘A’;  illi meta dawn il-flieles waslu Malta u mar biex jirtirhom l-importatur instab illi aktar minn tmint elef u sebgha mija minnhom kienu digà mietu, filwaqt illi l-bilanc tal-flieles kienu mal ridotti tali illi ma baqghux kummercjalment vijabbli; illi dawn id-‘day old chicks’ gew ikkonsenjati f’idejn is-socjetà konvenuta hajjin u fi stat tajjeb, u r-reponsabilità ta’ l-imwiet ikkagunati waqt it-tragitt hija unikament responsabilità tas-socjetà konvenuta, li naqset li tiehu l-mizuri necessarji sabiex il-merkanzija, li si tratta ta’ oggett haj, ikollha ambjent illi fih tista’ tissopravvivi t-titjira, kif jigi ahjar ippruvat fil-kors tal-kawza;  u illi ghalkemm diversament interpellata, anke ufficjalment is-socjetà konvenuta naqset illi tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni minnha ikkagunata;  talab ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex:  1.  tiddikjara illi s-socjetà konvenuta kienet responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjetà attrici fit-telfien tad-‘day old chicks’ kif hawn fuq spjegat;  2.  tillikwida d-danni hekk sofferti mis-socjetà attrici;  3.  tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici l-ammont ta’ danni hekk likwidat;  bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-14 ta’ Gunju 1996, kontra s-socjetà konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur nomine u l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta illi biha eccepiet:
Illi s-socjetà eccipjenti ma hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mill-attur nomine u dan ai termini ta’ dak mahsub fil-Kondizzjonijiet tal-garr tal-vettural u fid-disposizzjonijiet tal-Warsaw Convention;

Fit-tieni lok l-attur nomine qua spedizjonijier irid jipprova li sofra danni galadarba giet avvanzata wkoll talba ghar-rizarciment mir-ricevitur Chef Choice Limited;

F’kull kaz id-decess fil-flieles ma avveratx bi htija tal-eccipjenti nomine;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà konvenuta, guramentata mill-Avukat Dottor Christopher Spiteri, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru, 1999 illi permezz taghha l-Qorti, laqghet it-talbiet ta' l-attur nomine u kkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' Liri Taljani 6,400,000 ekwivalenti ghal elf, tlett mija u sebgha u disghin lira Maltin (Lm1,397) li minnhom ghandhom jitnaqqsu Lm300 tal-flieles hajjin, bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur noe kien importa 10,000 flieles hajjin mill-Italja u meta waslu Malta nstab li l-maggoranza taghhom kienu mejtin mentri r-rimanenti kienu fi stat hazin hafna. Dawn il-flieles kienu gew trasportati ghal Malta mill-konvenuti. Kien ittiehed *sample* ta' xi flieles fil-laboratorju tad-Dipartiment tas-Servizzi Veterinarji u nstab li dawn il-flieles mietu minn *cardiac insufficiency* minhabba *extremely congested lungs*.

"Il-konvenut eccepixxa li d-decess fil-flieles ma avveratx bi htija tal-konvenuti. Irrizulta mill-provi li l-flieles tghabbew fuq l-ajruplan *in apparent good condition*. Lawrence Schembri xehed li ccertifika li l-flieles kienu ghadhom hajjin meta tghabbew fuq il-hoss tal-fellus. L-agent ma jezaminax kaxxa kaxxa imma mill hoss li sema' setgha jghid li kienu ghadhom hajjin.

"Fil-fatt ma hemm ebda prova kuntrarja li l-flieles ma tghabbewx hajjin fuq l-ajruplan.

"Meta waslu Malta però l-flieles instabu kwazi kollha mejtin. Jirrizulta mill-provi li fuq l-ajruplan kien hemm il-*vents* tal-*hold* miftuha ghal arja u l-kaxxex li fihom kien hemm il-flieles kellhom twieqi fil-kartun ghall-arja. Jirrizulta wkoll li l-flieles li kienu fuq barra salvaw, mentri dawk li kienu taht l-ohrajn u fuq gewwa mietu u jidher li dan kien minhabba suffocation. Jirrizulta ghalhekk li l-

mewt tal-flieles giet kagjonata minhabba stivar hazin fl-ajruplan billi gew mghobbijin fuq xulxin u mhux minhabba xi haga hazina fl-annimal innifsu.

“Ma giex pruvat li avverta [*sic*] xi wahda mill-kondizzjonijiet imsemmija fil para 3 tal-artikolu 11 Carriers Lability fil-Kondizzjonijiet tal-Garr tal-Air Malta fol. 36.

“Ghalhekk il-konvenuti huma responsabbili ghad-danni li sofra l-attur nomine billi ma jistax jinghad li l-konvenuti kienu hadu l-mizuri kollha biex jigi evitat id-dannu.“

**Likwidazzjoni Danni**

“Dwar id-danni, Chef Choice xehdu li huma ma hallsu xejn lis-socjetà estera billi huma ma kienux rcevew il-merkanzija u li kienu gew kompensati tal-ispejjez li ghamlu billi zammew il-ftit flieles li kienu baqghu hajjin. B’kollox Lm300 (ara t-tieni xhieda ta’ Joseph Mizzi).

“Il-prezz totali tal-merkanzija kien ta’ Liri Taljani 6,400,000. Dok a fol 5A.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tas-socjetà konvenuta illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi tigi revokata s-sentenza appellata billi jigu michuda t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur nomine;

Rat ir-risposta ta’ l-appell u l-appell incidentali ta’ l-attur nomine illi bihom, ghar-ragunijiet hemm esposti, ghar-rigward ta’ l-appell incidentali, talab hekk:

“… li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma l-likwidazzjoni tad-danni fis-sens li ghandha tigi applikata r-rata tal-kambju tal-gurnata li fihom [*sic*] gew kagunati d-danni, u konsegwentement li s-socjetà konvenuta, ghandha tigi kundannata thallas id-danni kif korrettement likwidati”;
u finalment talab hekk:
“… li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza, tas-27 t’Ottubru 1999, in kwantu jirrigwarda r-responsabilità tad-danni, kif ukoll tilqa’ l-appell incidentali

u tirriforma dik is-sentenza in kwantu jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni, u tordna l-hlas tal-ammont likwidat kif riformat, bl-ispejjez kontra s-socjetà konvenuta appellanti";

Rat ir-risposta tas-socjetà konvenuta ghall-appell incidentali;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tas-socjetà konvenuta kontra s-sentenza appellata huma bazikament is-segwenti:
1. Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-*causa proxima* tad-decess kienet l-istivagg (*sic*) hazin, kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti;

2. Illi r-rata tal-kambju minn munita taljana ghal dik maltija kellha tkun dik ta' meta jirrizulta illi kellu jithallas id-dejn u mhux tad-data tas-sentenza, kif iddecidiet l-ewwel Qorti;

Ikkunsidrat:

Illi, fir-realtà, l-ewwel aggravju tas-socjetà konvenuta appellanti jammonta ghal sottomissjoni illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti u, kif huwa risaput, tribunal ta' sekond' istanza ma jiddisturbax l-apprezzament tal-provi prodotti maghmul minn tribunal ta' prim istanza sakemm ma tirrizultax raguni serja sabiex isir hekk;

Dina l-Qorti, wara illi gharblet il-provi prodotti, hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tajjeb tal-provi prodotti u b'rizultat ta' dan waslet ghall-konkluzjoni korretta illi d-decess tal-flieles in kwistjoni kien dovut ghal soffokazzjoni rizultanti mill-istivar hazin tal-kaxxi bil-flieles fuq l-ajruplan tas-socjetà konvenuta illi ttraspurtahom lejn Malta mill-Italja. B'zieda ma' dak illi jinghad fir-rigward

fis-sentenza appellata, dina l-Qorti tixtieq taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

(i) Illi fil-paragrafu enumerat hdax (11) tar-rikors ta’ appell taghha s-socjetà konvenuta ssottomettiet illi, qabel ma tghabbew fuq l-ajruplan il-kaxxi in kwisjtoni, il-kontenut taghhom - jigifieri l-flieles - ma giex ezaminat singolarment u illi, fi kliem ir-rikors ta’ appell, “Huwa proprju ghalhekk li l-polza ta’ kariku tistabilixxi li t-taghbija ssir *in apparent good order and condition*.” Imbaghad, fil-paragrafu enumerat tnax (12) s-socjetà appellanti taghmel riferenza ghal dak illi jinghad fis-sentenza ta’ dina l-Qorti tas-sebgha (7) ta’ Ottubru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet *Avukat Dottor Giovanni Griscti noe vs. Chev. Silvio Mifsud et noe* ghar-rigward ta’ l-interpretazzjoni tal-frazi *in apparent good order and condition*, u cioè:
“Il-kelma *apparent* ghandha tigi valorizzata u moghtija s-sinjifikat proprju taghha fil-kuntest tal-fatti taht ezami.”

Dina l-Qorti taqbel ma’ dan però, fil-fehma taghha, dan l-insenjament mhux talli ma jagevolax lis-socjetà appellanti talli, pjuttost, jimmilita kontra taghha. Dana peress illi, kif issottometta tajjeb l-abili difensur tas-socjetà appellata waqt it-trattazzjoni orali quddiem dina l-Qorti, filwaqt illi fil-kaz tas-sentenza appena citata l-merkanzija relativa tghabbiet fuq vapur f’*container* issigillat, u, konsegwentement, l-istat tal-merkanzija fil-mument tat-taghbija ma setghax jigi verifikat, fil-kaz odjern il-kaxex bil-flieles kienu vizibbli ghall-ghajn waqt illi kienu qed jitghabbew fuq l-ajruplan. Huwa sinjifikattiv, f’dan ir-rigward, illi filwaqt illi jirrizulta illi, mill-hsejjes illi bdew jaghmlu l-flieles waqt illi kienu qed jitghabbew fuq l-ajruplan, gie dedott, jew ahjar prezunt, illi dak il-hin il-flieles kienu hajjin (ara *telex*, fol. 54), meta l-flieles waslu Malta u gew skarikati gie notat immedjatament “… li kien hemm numru ta’ flieles mejta …” (fol. 52, depozizzjoni ta’ Lawrence Schembri, impjegat tas-socjetà konvenuta u minnha prodott bhala xhud). Hija f’waqtha s-segwenti domanda: la darba kien tant facli illi jigi konstatat illi kien hemm kwantità ta’ flieles mejta mal-wasla tal-merkanzija f’Malta, ma kienx daqstant facli illi ssir tali konstatazzjoni

kieku, waqt illi l-merkanzija kienet qed titghabba fuq l-ajruplan, kien hemm kwantità ta' flieles mejta?

(ii) Fil-bidu tal-konsiderazzjoni ta' l-ewwel aggravju tas-socjetà konvenuta dina l-Qorti qalet illi hija taqbel ma' l-apprezzament tal-provi prodotti maghmul mill-ewwel Qorti. Fir-realtà, però, hija mehtiega s-segwenti precizazzjoni. Fil-pagna ta' qabel l-ahhar tas-sentenza appellata jinghad hekk:
"Jirrizulta mill-provi li fuq l-ajruplan kien hemm l-*vents* tal-*hold* miftuha ghal arja .."

Dina l-Qorti ma taqbilx illi mill-provi prodotti jirrizulta dak illi kkonstatat l-ewwel Qorti. Dak illi jirrizulta huwa illi l-imsemmi Lawrence Schembri xehed hekk a fol. 52:
"Meta jkollhom life stock fuq l-ajruplan lill-kaptan jinfurmawh biex jiftah il-*vents* u t-*telex* li qed nesibixxi proprju tikkonferma dan."

Fil-fatt f'dan it-*telex* (fol. 54) ma jisemmewx *vents* izda hemm miktub hekk:
"… CAPTAIN WAS NOTIFIED OF LIVE CHICKSCARGO O/B IN ORDER TO SWITCH ON AIR CONDITIONING OF HOLDS DURING FLT …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Kif issottometta tajjeb l-abili difensur tas-socjetà estera appellata waqt it-trattazzjoni orali tieghu quddiem dina l-Qorti, ma saritx il-prova jekk, fil-fatt, waqt it-titjira in kwistjoni infethux xi *vents* jew jekk thaddimx xi *airconditioning apparatus* fil-*holds*.

Ikkunsidrat:

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, l-ewwel aggravju tas-socjetà konvenuta ma jistax jintlaqa';

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni (2) aggravju tas-socjetà konvenuta u l-appell incidentali tas-socjetà attrici huma prattikament identici: fit-tnejn qed jigi sottomess illi r-rata tal-kambju bejn il-munita taljana u dik maltija ma kellhiex tkun dik adottata

fis-sentenza appellata, jigifieri dik tal-gurnata illi fiha giet pronunzjata l-istess sentenza, izda, skond is-socjetà appellanti, kellha tkun ir-rata tal-gurnata illi fiha saret il-*claim* kontra taghha mis-socjetà attrici, jigifieri l-ghoxrin (20) ta' Lulju, 1994, u, skond is-socjetà appellata, kellha tkun ir-rata tad-data meta gew kagjonati d-danni, jigifieri d-dsatax (19) ta' Lulju, 1994. Ghalhekk, it-tieni aggravju tas-socjetà appellanti u l-appell incidentali tas-socjetà appellata sejrin jigu trattati flimkien;

Ikkunsidrat:

Illi dan l-aggravju tas-socjetà appellanti u l-appell incidentali tas-socjetà appellata huma fondati, anke fuq l-iskorta ta' dak illi rriteniet din l-Qorti fis-sentenzi illi ghamlet riferenza ghalihom s-socjetà appellanti fil-paragrafu enumerat tlettax (13) tar-rikors ta' appell taghha b'mod ghalhekk li r-rata tal-kambju certament ma kellhiex tkun dik tad-data tas-sentenza appellata. Però, ghall-finijiet tal-kambju, dina l-Qorti sejra tadotta r-rata tad-19 ta' Lulju, 1994 (IL4218.8860 ekwivalenti ghal Lm1), meta gew kagjonati d-danni, u mhux tal-20 ta' Lulju, 1994, meta saret il-*claim* mis-socjetà appellata;

Illi, ghalhekk, is-somma illi s-socjetà konvenuta appellanti ghandha thallas lis-socjetà attrici appellata hija ta' elf, mitejn u sittax-il lira maltija (Lm1216), jigifieri s-somma ta' elf, hames mija u sittax-il lira maltija (Lm1516) rapprezentanti l-ekwivalenza ta' sitt miljun u erba' mitt elf lira taljana (IL6,400,000) imnaqqsa b'tlett mitt lira maltija (Lm300), prezz tal-flieles li baqghu hajjin;

Ghal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell principali tas-socjetà konvenuta u mill-appell incidentali tas-socjetà attrici billi (1) tikkonferma s-sentenza appellata kwantu laqghet it-talbiet attrici, (2) tirrevoka l-istess sentenza kwantu kkundannat lis-socjetà konvenuta sabiex thallas is-somma ta' elf u sebgha u disghin lira Maltija (Lm1097) lis-socjetà attrici u minflok (3) tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas is-somma ta' elf, mitejn u sittax-il lira Maltija (Lm1216) lis-socjetà attrici;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza kwantu jirrigwardaw l-appell principali jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti u kwantu jirrigwardaw l-appell incidentali jigu sopportati kollha mill-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------